MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 324/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. C. Magri)**
**(Spt. J. Mifsud)**
**Vs**
**Joseph Zammit**
**Anthony Attard**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ Frar 2006 ghall-habta tal-11:00 ta’ filghodu fi Triq Lewis Wettinger, Mellieha, kkommettew serq ta’ basket minn fuq il-persuna ta’ Ursula Ross anzjana ta’ tnejn u sittin (62) sena ta’ nazzjonalita’ Germaniza li kien fih 550 Euro u oggetti ohra personali, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza w bil-valur li ma jaccediex l-elf lira Maltin u bil-lok.

fis-26 ta’ Frar 2006 ghall-habta tas-1:00 ta’ wara nofsinhar fi Triq Lewis Wettinger, Mellieha, kkommettew serq ta’

basket minn fuq il-persuna ta’ Kelsall Eirlys anzjana ta’ erba’ u sebghin (74) sena ta’ nazzjonalita Brittanika li kien fih 40 Euro, Lm90 u oggetti ohra personali, liema serq huwa kkwalfikat bil-vjolenza w bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin u bil-lok.

Fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

U finalment talli saru recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Joseph Zammit wahdu talli fl-istess data w cirkostanzi, kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 30 ta’ Gunju 2005 moghtija mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 t’Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 261(1)(a)(c)(e), 262, 267, 269, 276, 276A, 277, 279 sa 281, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 fil-konfront taz-zewg appellati u 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 fil-konfront ta’ Joseph Zammit, sabet lill-appellati hatja w ikkundannathom ghal terminu ta’ prigunerija ghal sentejn (2) liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba (4) snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9.
Il-Qorti fissret lill-appellati l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-appellati skond l-akkuzi migjuba kontra taghhom ghajr it-tielet imputazzjoni fil-konfront tat-tnejn u l-hames fil-konfront ta’ l-appellat Anthony Attard, u thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannathom ghal

sentejn prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ erbgha snin u minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b’mod li l-perjodu ta’ prigunerija inflitt ikun wiehed effettiv u imedjatament skontabbli.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, li minnhom jirrizulta li z-zewg appellati ghandhom kondotta refrattarja.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi dwar il-punt sollevat mill-abbli difensur Dr. Farrugia jintqal illi s-sentenza esebita a fol. 117. et seq. tal-process fil-konfront ta’ Joseph Zammit tirreferi ghal Joseph Zammit li ghandu l-karta ta’ l-identita’ numru 113667M u cioe’ l-istess numru tal-karta ta’ l-identitka’ tal-appellat Zammit odjern u ghalhekk ma jistax ikun hemm ebda dubju dwar l-identita’ tal-persuna misjuba hatja w ikkundannata f’dik il-kawza.

Illi ghar-rigward tal-punt l-iehor sollevat mid-difiza ta’ Zammit li f’dik is-sentenza ma jistax jintqal li huwa recidiv ghax kien gie liberat b’kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, din l-asserzjoni hija korretta biss in parte ghaliex oltre l-liberazzjoni kondizzjonata l-appellat kien ukoll ikkundannat ghal multa ta’ ghoxrin lira (LM20) u kellu ukoll il-konfiska ta’ l-arma esebita w ghalhekk ghar-rigward ta’ din il-kundanna zgur li tiskatta r-recidiva.

L-istess japplika fir-rigward tal-appellat Attard li b’sentenza tal-23 t’Ottubru, 2001 (fol. 122 et seq. tal-process) kien instab hati ta’ korruzzjoni ta’ minorenni w immultat sitt mitt lira Maltin (LM600) u mill-fedina penali tal-appellat Attard jidher li din is-sentenza proprju nghatat kontra Anthony Attard li ghandu n-numru tal-karta tal-identita’ 183985M u cioe’ l-istess numru li ghandu l-appellat Attard odjern.

Illi l-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun fl-aggravju li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti sentenza ta' prigunerija sospiza ladarba kienet qed issib ukoll liz-zewg appellati bhala recidivi. L-appellati kienu nstabu hatja tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ta' serq ta' bastijiet kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva w, fil-kaz tal-appellat Joseph Zammit, talli kiser il-provvediment lilu moghti taht l-art. 22 tal-Kap.446 b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Huma pero' kienu gew liberati mit-tielet akkuza u cioe' dik ta' ricettazzjoni, li skond l-Ewwel Qorti kienet akkuza alternattiva ghall-ewwel tnejn.

Illi l-artikolu 28A (7) (b) u ( c ) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

***"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-***

***(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50"***

***(c) meta r-reat ikun sar fil-periodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin."***

Illi ma hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz l-appellati kienu gew akkuzat ukoll bir-recidiva w fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ccitat l-artikolu 50 li jittratta dwar ir-recidiva, fost l-artikoli minnha konsidrati u li taghhom instabu hatja. Terga' l-appellat Zammit kien ukoll instab hati li kkommetta dawn ir-reati bi ksur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 .

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li, una volta iddecidiet li tinfliggi l-piena karcerarja applikabbli ghar-reati li l-appellati kienu nstabu hatja taghhom, din ma setghetx tkun sospiza. Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (Ara: App. Krim. **"Il-Pulizija vs.**

**Joseph Compagno"** [25.9.2003] , **"Il-Pulizija vs. Martin James"** [27.5.2004] u ohrajn.)

Issa, fl-ahhar kawza appena citata din il-Qorti kienet osservat li :-

*"… f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza w partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella , u hekk jaqa' kif jghidu bl-ingliz "between two stools" .*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellati mhux hatja tat-tielet imputazzjoni ta' ricetazzjoni w minnha lliberathom u hatja tal-ewwel w it-tieni akkuzi w tal-addebitu tar-recidiva w, fil-kaz tal-appellat Joseph Zammit ukoll tal-addebitu li kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b' sentenza datata 30 ta' Gunju, 2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali w fejn ikkundannat lil kull wiehed mill-appellati ghal-sentejn prigunerija w tirrevokaha fejn ordnat li dan it-terminu ta' prigunerija ma jiddekorrix hlief jekk l-appellati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba (4) snin mid-data tas-sentenza appellata skond l-artikolu 28A tal-Kap.9, b' dan li s-

sentenza ta' sentejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront taz-zewg appellati ghandha tkun wahda effettiva minnufieh.

Inoltre, a tenur tal-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellat Joseph Zammit jingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tittratta mieghu ghar-reat/i li tieghu/ taghhom kien instab hati bis-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Gunju, 2005, b' kull mod li setghet tittratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dawk ir-reati jew reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------